



Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 16 ta' Diċembru 2014
(OR. en)

16968/14
ADD 1

**Fajl Interistituzzjonali:
2014/0349 (NLE)**

EEE 80
UD 285

PROPOSTA

minn:	Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmat mis-Sur Jordi AYET PUIGARNAU, Direttur
data meta waslet:	15 ta' Diċembru 2014
lil:	Is-Sur Uwe CORSEPIUS, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea
Nru dok. Cion:	COM(2014) 728 final Anness 1
Suġġett:	ANNEX DEĊIŻJONI TAL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE Nru .../2014 li temenda l-Protokoll 4 tal-Ftehim ŻEE, dwar ir-regoli ta' oriġini tal- Proposta għal Deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-pożizzjoni li għandha tiġi adottata, f'isem l-Unjoni Ewropea, fil-Kumitat Konġunt taż-ŻEE rigward emenda tal-Protokoll 4 tal-Ftehim ŻEE dwar ir-regoli ta' oriġini (It-Tkabbir tal-Kroazja)

Id-delegazzjonijiet għandhom isibu meħmuż id-dokument COM(2014) 728 final Anness 1.

Mehmuż: COM(2014) 728 final Anness 1



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 11.12.2014
COM(2014) 728 final

ANNEX 1

ANNESS

DEĊIŻJONI TAL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE
Nru .../2014
li temenda l-Protokoll 4 tal-Ftehim ŻEE, dwar ir-regoli ta' oriġini

tal-

Proposta għal Deċiżjoni tal-Kunsill

dwar il-pożizzjoni li għandha tiġi adottata, f'isem l-Unjoni Ewropea,
fil-Kumitat Konġunt taż-ŻEE rigward emenda tal-Protokoll 4 tal-Ftehim ŻEE dwar ir-
regoli ta' oriġini
(It-Tkabbir tal-Kroazja)

ANNEX

DEĊIŻJONI TAL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE Nru.../2014

li temenda l-Protokoll 4 (regoli ta' oriġini) tal-Ftehim ŻEE

IL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE,

Wara li kkunsidra l-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea ("il-Ftehim ŻEE"), u b'mod partikolari l-Artikolu 98 tiegħu,

Billi:

- (1) Il-Protokoll 4 tal-Ftehim ŻEE jikkonċerna r-regoli ta' oriġini.
- (2) Ir-Repubblika tal-Kroazja daħlet fl-Unjoni Ewropea fl-1 ta' Lulju 2013.
- (3) Wara li ntemmu b'suċċess in-negozjati għat-tkabbir tal-Unjoni Ewropea, ir-Repubblika tal-Kroazja ressqet applikazzjoni sabiex issir parti għall-Ftehim ŻEE.
- (4) Il-Ftehim dwar il-parteċipazzjoni tar-Repubblika tal-Kroazja fiż-Żona Ekonomika Ewropea ("il-Ftehim dwar it-Tkabbir taż-ŻEE") ġie inizjalat fl-20 ta' Diċembru 2013.
- (5) Il-Ftehim dwar it-Tkabbir taż-ŻEE ġie ffirmat fil-11 ta' April 2014 u beda japplika fuq bażi proviżorja mit-12 ta' April 2014.
- (6) Ċerti arranġamenti tranżitorji rigward l-applikazzjoni tar-regoli ta' oriġini wara l-applikazzjoni proviżorja tal-Ftehim dwar it-Tkabbir taż-ŻEE jeħtieġ li jiġu riflessi fil-Ftehim taż-ŻEE.

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Il-Protokoll 4 tal-Ftehim ŻEE huwa emendat kif stipulat fl-Anness ta' din id-Deċiżjoni.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni tidħol fis-seħħ fil-[...], bil-kundizzjoni li n-notifiki kollha skont l-Artikolu 103(1) tal-Ftehim ŻEE ikunu saru lill-Kumitat Konġunt taż-ŻEE¹.

Hija tibda tapplika mill-1 ta' Lulju 2013.

¹ [L-ebda rekwiżit kostituzzjonali ma huwa indikat] [Ir-rekwiżiti kostituzzjonali huma indikati.]

Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni tiġi ppubblikata fit-Taqsima taż-ŻEE u fis-Suppliment taż-ŻEE ta' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Magħmul fi Brussell, [...].

Għall-Kumitat Konġunt taż-ŻEE

Il-President

[...]

Is-Segretarji

għall-Kumitat Konġunt taż-ŻEE

[...]

ANNEX

għad-Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE Nru [...]

Fil-Protokoll 4 tal-Ftehim ŻEE, dan li ġej huwa miżjud wara l-Artikolu 40:

"Artikolu 41

Arranġamenti tranżitorji dwar l-adeżjoni tar-Repubblika tal-Kroazja mal-Unjoni Ewropea

1. Il-prova tal-orijini maħruġa kif xieraq minn Stat tal-EFTA jew mir-Repubblika tal-Kroazja jew magħmula fil-qafas ta' ftehim preferenzjali applikat bejn l-Istati tal-EFTA u r-Repubblika tal-Kroazja tiġi kkunsidrata bħala prova tal-orijini preferenzjali taż-ŻEE, sakemm:

(a) il-prova tal-orijini u d-dokumenti tat-trasport inħarġu jew ġew magħmula mhux aktar tard mill-jum ta' qabel id-data tal-adeżjoni tar-Repubblika tal-Kroazja mal-Unjoni Ewropea; kif ukoll

(b) il-prova tal-orijini tiġi ppreżentata lill-awtoritajiet doganali matul il-perjodu ta' erba' xhur mid-data tal-adeżjoni tar-Repubblika tal-Kroazja mal-Unjoni Ewropea.

Fejn oġġetti jkunu ddikjarati għall-importazzjoni minn Stat tal-EFTA jew ir-Repubblika tal-Kroazja, rispettivament, fir-Repubblika tal-Kroazja jew Stat tal-EFTA qabel id-data tal-adeżjoni tar-Repubblika tal-Kroazja mal-Unjoni Ewropea, skont ftehimiet preferenzjali applikati bejn Stat tal-EFTA u r-Repubblika tal-Kroazja f'dak iż-żmien, il-prova tal-orijini maħruġa retrospettivament skont dawn il-ftehimiet tista' wkoll tiġi aċċettata fl-Istati tal-EFTA jew ir-Repubblika tal-Kroazja bil-kundizzjoni li din tiġi ppreżentata lill-awtoritajiet doganali matul il-perjodu ta' erba' xhur mid-data tal-adeżjoni tar-Repubblika tal-Kroazja mal-Unjoni Ewropea.

2. L-Istati tal-EFTA, min-naħa waħda, u r-Repubblika tal-Kroazja, min-naħa l-oħra, huma awtorizzati jżommu l-awtorizzazzjonijiet li permezz tagħhom inġataw l-istat ta' "esportaturi approvati" fil-qafas ta' ftehimiet konklużi bejn l-Istati tal-EFTA, min-naħa waħda, u r-Repubblika tal-Kroazja, min-naħa l-oħra, bil-kundizzjoni li l-esportaturi approvati japplikaw ir-regoli ta' orijini ta' dan il-Protokoll.

L-Istati tal-EFTA, min-naħa waħda, u l-Kroazja, min-naħa l-oħra, għandhom, sa mhux aktar tard minn sena wara d-data tal-adeżjoni tar-Repubblika tal-Kroazja mal-Unjoni Ewropea, iqisu l-ħtieġa li dawn l-awtorizzazzjonijiet jiġu sostitwiti b'awtorizzazzjonijiet ġodda maħruġa skont dan il-Protokoll.

3. Talbiet għal verifika sussegwenti tal-prova tal-orijini maħruġa jew magħmula skont il-ftehimiet preferenzjali msemija fil-paragrafi 1 u 2 jiġu aċċettati mill-awtoritajiet doganali kompetenti tal-Istati tal-EFTA u tar-Repubblika tal-Kroazja għal perjodu ta' tliet snin wara l-ħruġ jew it-tfassil tal-prova tal-orijini kkonċernata u jistgħu isiru minn daww l-awtoritajiet

għal perjodu ta' tliet snin wara l-aċċettazzjoni tal-prova tal-orġini ppreżentata lil dawk l-awtoritajiet b'appoġġ għal dikjarazzjoni ta' importazzjoni.

4. Id-dispożizzjonijiet tal-Ftehim jistgħu jiġu applikati għal oġġetti esportati kemm mir-Repubblika tal-Kroazja għall-Istati tal-EFTA kif ukoll mill-Istati tal-EFTA għar-Repubblika tal-Kroazja, li jkunu konformi mad-dispożizzjonijiet ta' dan il-Protokoll u li fid-data tal-adeżjoni tar-Repubblika tal-Kroazja mal-Unjoni Ewropea jew ikunu fi tranżitu jew f'ħażna temporanja f'maħżen tad-dwana jew f'żona libera fi Stat tal-EFTA jew fir-Repubblika tal-Kroazja.

5. F'każijiet imsemmija fil-paragrafu 4 jista' jingħata trattament preferenzjali, soġġett għas-sottomissjoni lill-awtoritajiet doganali tal-pajjiż importatur, fi żmien erba' xhur mid-data tal-adeżjoni tar-Repubblika tal-Kroazja mal-Unjoni Ewropea, ta' prova tal-orġini maħruġa retrospettivament mill-awtoritajiet doganali tal-pajjiż esportatur.

—